MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 493/1997/1

Charles **BUTTIĠIEĠ**, Doris Debono f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' l-assenti Salvinu Buttiġieġ, Freddie Gravina u Maria Butiġieġ; u b'degriet tat-3 ta' April, 1998, Rita Mifsud iddaħħlet bħala waħda mill-atturi; u b'degriet tat-18 ta' Mejju, 2005, l-Avukat Vincent Galea u l-Prokuratriċi Legali Luisa Tufigno nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt battal tal-attur Salvinu Buttiġieġ, li miet fil-mori tal-kawża

vs

Yvonne **FORMOSA**, Dione Żahra, u Carmen Żammit

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta’ Marzu, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi *proprio* u *nomine* talbu li din il-Qorti (a) tillikwida l-ġid kollu tal-wirt ta’ Karmena u Francis miżżewġin Buttiġieġ billi taqsam il-wirt tagħhom f’ħamest ishma billi tassenja sehem lill-attur Freddie Gravina, sehem ieħor lill-atturi (*recte*: l-imħarrkin) Carmen Żammit, Dione Żahra u Yvonne Formosa, sehem ieħor lil attriċi Maria Buttiġieġ[1], sehem lill-atturi Charlie Buttiġieġ u Doris Debono u sehem ieħor lill-attur assenti Salvinu Buttiġieġ. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta’ Frar, 1998, li biha l-imħarrkin laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li m’hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt ġaladarba huma m’għandhom xejn f’idejhom mill-wirt tal-miżżewġin Buttiġieġ, u jekk tassew għad fadal xi ġid minn dak il-wirt, l-istess ġid qiegħed f’idejn l-atturi nfushom jew min minnhom. F’kull każ, jgħidu li ladarba l-wirt infetaħ aktar minn erbgħin sena qabel, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni. Minħabba f’dan kollu, jgħidu li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa’;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta’ Novembru, 1998[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tkompli tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit u wkoll dawk mismugħa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija minnha (diversament presjeduta) fl-1 ta’ Ottubru, 2003[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Frar, 2004[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

---

[1] Fis-sewwa, irid jingħad li din imissha tkun riferenza għal Rita Mifsud u mhux Maria Buttiġieġ
[2] Paġ. 44 tal-proċess
[3] Paġġ. 163 – 8 tal-proċess
[4] Paġ. 170 tal-proċess

Rat li l-ebda wieħed mill-avukati tal-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet quddiemha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. F'din l-*actio familiae erciscundae*, l-atturi jridu li l-ġid li ġej mill-wirt tan-nanniet tagħhom jinqasam bejniethom. Kemm l-atturi u kemm l-imħarrkin kienu aħwa. L-atturi ma ridux li jibqgħu fil-komunjoni ma' ħuthom il-bniet u għalhekk talbu l-qasma;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li t-talba ma tistax tintlaqa' għaliex huma m'għandhom xejn f'idejhom li jagħmel mill-wirt u dak li fadal minnu jinsab f'idejn l-atturi jew min minnhom. Huma laqgħu wkoll bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda dik l-eċċezzjoni ma ntlaqgħetx b'sentenza *in* parte li ngħatat fl-1 ta' Ottubru, 2003;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Francesco u Carmela miżżewġin Buttiġieġ huma l-ġenituri tal-attur Salvinu Buttiġieġ u n-nanniet tal-partijiet l-oħrajn. Francesco u Carmela Buttiġieġ kellhom ħames (5) ulied[5]. Minbarra l-attur binhom Salvinu, kellhom żewġ subien oħra u żewġt ibniet. L-atturi l-oħrajn huma wlied l-aħwa Edward, Pawlina mart Żahra, u Joseph, filwaqt li l-imħarrkin huma wlied it-tifla l-oħra Ġużeppa mart Żahra;

Illi Carmela Buttiġieġ mietet f'Mejju tal-1942[6] bla testment, filwaqt li żewġha miet intestat ukoll f'April tal-1950[7]. Id-denunzja tas-suċċessjoni ta' Carmela Buttiġieġ tressqet minn binha l-kbir Edward f'Marzu tal-1944[8] (b'denunzja

[5] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[8] Dok "GA", f'paġġ. 127 – 9 tal-proċess

addizzjonali korrettorja ssir minnu wkoll sena wara), filwaqt li dik ta’ Francesco Buttiġieġ tressqet ukoll minn ibnu Edward f’April tal-1950[9];

Illi fil-15 ta’ Settembru, 1996[10], meta kien ġie Malta l-attur Salvinu Buttiġieġ, saret laqgħa tal-werrieta u l-familja fid-dar tal-attur Alfred Gravina u kien sar qbil li dak li kien għad fadal mill-wirt tal-miżżewġin Buttiġieġ jinqasam bejn il-werrieta[11] wara li jinġab irkantatur li kellu jistma dak il-ġid[12]. Kien mifhum li l-ġid kien kollu jinsab fid-dar fejn kienet toqgħod l-imħarrka Yvonne Formosa, kollha miġmugħin f’żewġt ikmamar fis-sular ta’ fuq tal-istess dar, li kienet ukoll id-dar li fiha kienu jgħixu Franġisk u Carmela Buttiġieġ fi Triq San Ġużepp, Ħal Għaxaq. Meta kien qiegħed f’Malta l-attur Salvinu Buttiġieġ, il-werrieta ltaqgħu ilkoll fid-dar tal-imħarrka Yvonne Formosa u huma ntwerewL-imħarrka kienet ħadithom jaraw il-kmamar fejn kien merfugħ dak il-ġid wara talba li l-werrieta għamlulha waqt li kienu għadhom imlaqqgħin fid-dar ta’ l-attur Gravina, li tinsab qrib id-dar tagħha[13];

Illi ftit tal-jiem wara li ntlaħaq dak il-ftehim, inqala’ xi tilwim dwar allegazzjonijiet ta’ deheb tal-wirt mhux maqsum u l-ftehim sfaxxa;

Illi l-kawża nfetħet f’Marzu tal-1997, jiġifieri madwar sebgħa u erbgħin (47) sena wara l-mewt ta’ Franġisk Buttiġieġ;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, għandu jingħad minnufih li f’azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, il-liġi[14] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta’ ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta’ ġid *in natura*[15], (b) f’kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita’ ta’ mobbli,

---

[9] Dok “GA1”, f’paġġ. 130 – 1 tal-proċess
[10] Affidavit ta’ Percival Debono, f’paġ. 34 tal-proċess
[11] Affidavit tal-attur Salvinu Buttiġieġ f’paġ. 26 tal-proċess
[12] Affidavit ta’ Anġela Delia u xhieda ta’ Joseph Mifsud 8.3.1999 f’paġġ. 33 u 69 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrka Formosa 31.5.2000, f’paġ. 106 tal-proċess
[14] Art. 907 tal-Kap 16
[15] Art. 502 tal-Kap 16

immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[16] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[17];

Illi dwar il-kwestjoni ta' jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b'assenjazzjoni (jew b'attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[18], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[19]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[20];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ, meta nfetħet din il-kawża, kien hemm ħamest (5) ishma ndaqs ta' waħda minn ħames partijiet ($^{1}/_{5}$) kull wieħed. L-atturi bejniethom, kienu jirrappreżentaw erbgħa mill-ħames ($^{4}/_{5}$) ishma, filwaqt li l-imħarkin bejniethom kienu jirrappreżentaw il-kwint ($^{1}/_{5}$) li jifdal;

Illi minħabba li kemm Carmela Buttiġieġ u żewġha Franġisk mietu mingħajr testment, il-wirt tagħhom infetaħ skond il-liġi u għaldaqstant, bil-liġi li kienet fis-seħħ mal-mewt ta' kull wieħed u waħda minnhom, kull wieħed mill-ħames ulied (li sa dak iż-żmien kienu għadhom kollha ħajjin) kellu jedd għal sehem indaqs ma' ħutu l-oħrajn. Għalkemm fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Carmela Buttiġieġ jissemma xi ġid immobbli, joħroġ ċar mix-xhieda

[16] Art. 504 tal-Kap 16
[17] Art. 510(1) tal-Kap 16
[18] Fadda _Commentario sulle Leggi Civili,_ art. 993-6
[19] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[20] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***

tal-atturi[21] li l-pretensjonijiet tagħhom f'din il-kawża huma dwar ġid mobbli biss, u dan lanqas ma jgħodd pretensjoni dwar xi dehbijiet li seta' kellha l-mejta;

Illi meta miet missier il-partijiet fl-1950, il-wirt tiegħu għadda wkoll fuq il-ħames uliedu f'sehem ta' kwint ($^1/_5$) kull wieħed u waħda minnhom. Dawk l-ishma kienu jgħoddu fihom wieħed minn tletin ($^1/_{30}$) parti mill-wirt tal-omm. Tajjeb li jingħad li meta Edward Buttiġieġ ressaq id-denunzja tas-suċċessjoni ta' missieru, huwa iddikjara li għajr għal kreditu li l-mejjet missieru kellu kontra l-Korp tal-Pulizija, ma kien hemm l-ebda ġid ieħor denunzjabbli ("*no other property whatsoever*");

Illi għalhekk wieħed irid jara dwar liema ġid l-atturi ressqu l-azzjoni tagħhom. Kollox jidher li jintrabat ma' dak li kien jinsab f'żewġt ikmamar mid-dar fi Triq San Ġużepp, Ħal Għaxaq, fejn kienu jgħixu l-miżżewġin Buttiġieġ. Dan il-ġid ukoll kien wieħed mis-suġġetti li ttella' meta saret il-laqgħa bejn il-werrieta kollha fid-dar tal-attur Gravina. Ħafna mill-atturi wkoll isemmu dak il-ġid. L-istess ġid tfisser mill-attur Charles Buttiġieġ f'lista li huwa ressaq fl-atti tal-kawża[22]. Huwa jgħid li kien dwar l-oġġetti f'din il-lista (u forsi seta' kien hemm ħwejjeġ oħra wkoll, li iżda l-Qorti ma jinteressahiex dwarhom ladarba huma biss dawn il-ħwejjeġ li l-atturi semmew fil-lista tagħhom) li l-partijiet kienu qablu li jinħatar irkantatur biex jagħmel stima tagħhom u ssir il-qasma bejn il-werrieta. Dan baqa' ma sar qatt u spiċċa biex infetħet il-kawża;

Illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li, sal-waqt tal-mewt ta' Franġisk Buttiġieġ, kien għad fadal ġid mill-wirt ta' martu u lanqas m'għandha dubju li l-istess kellu ġid tiegħu wkoll. Hija konvinta wkoll li, minħabba li l-aħwa jidher li kienu jinġiebu bejniethom, kien hemm għal tul ta' snin il-fehma li ġid tal-ġenituri kellu jinqasam indaqs bejniethom. Din il-fehma kienet mibnija wkoll fuq iċ-ċirkostanza tal-ġrajja meta l-attur Salvinu Buttiġieġ (matul ħajjet missieru) kien mess xi flus li missieru kien iżomm f'kexxun fid-dar u telaq minn Malta. Ironikament, kienet iż-żjara tiegħu

[21] Xhieda tal-attur Charles Buttiġieġ 8.3.1999, f'paġ. 64 tal-proċess
[22] Dok "CB", f'paġ. 102 tal-proċess

f'Malta fl-1996, wara bosta snin li kien għex barra, li reġgħet kebbset il-kwestjoni tal-qsim tal-wirt, għaliex jidher li kien hemm fehma li dan isir meta huwa jkun hawn Malta;

Illi bl-istess mod, il-Qorti toqgħod fuq ix-xhieda[23] li tgħid li, mal-mewt ta' martu, Franġisk qassam id-deheb tagħha fost il-ħames uliedu. Tqis ukoll li l-pretensjoni tal-imħarrkin fis-sens li Edward Buttiġieġ kien ħa taħt idejh id-deheb ta' missieru ma jmisshiex ixxejjen il-pretensjoni tal-atturi li jitolbu li jinqasam dak li fadal mill-wirt, ukoll għaliex l-imħarrkin lanqas qatt ressqu formalment tali pretensjoni fil-konfront tal-atturi. Tqis ukoll li ma tistax toqgħod fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrka Yvonne Formosa[24] li kulma jinsab fid-dar tagħha huwa kollu tagħha, għaliex dan huwa kontradett mix-xhieda tal-imħarrkin infushom[25] u mill-imġiba tagħha nnifisha qabel ma nfetħet din il-kawża[26];

Illi min-naħa l-oħra, ladarba l-atturi qegħdin jagħmlu allegazzjonijiet u jressqu pretensjonijiet dwar xi ħwejjeġ li jinsabu fl-imsemmija dar u li huma jgħidu li jagħmlu mill-wirt li jrid jinqasam, il-piż tal-prova ta' tali allegazzjoni jrid jintrefa' minnhom kif titlob il-liġi. Dan jgħodd wisq aktar minħabba l-fatt li hawnhekk wieħed qiegħed jitkellem dwar ħwejjeġ mobbli;

Illi kemm hu hekk, kemm Spiridione Żammit (żewġ l-imħarrka Carmen Żammit)[27] u kif ukoll Grezzju Formosa (żewġ l-imħarrka Yvonne Formosa)[28] jagħtu prova ta' min joqgħod fuqha dwar uħud mill-oġġetti li l-atturi jsemmu fil-lista u li jippretendu li hija l-mertu tal-kawża tal-lum. Wara li qieset sewwa x-xhieda mogħtija minn kulħadd, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ġid mobbli li jrid jinqasam bejn il-partijiet huwa dak li jissemma fil-lista dokument "CB" f'paġna 102 tal-proċess, ħlief għall-oġġetti numru tnejn (2), dsatax (19) u għoxrin (20). Dan il-ġid irid jinqasam

---

[23] Affidavit tal-attur Salvinu Buttiġieġ, f'paġ. 25 tal-proċess
[24] Afidavit tagħha 23.4.1999 Dok "MM", f'paġ. 77 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Grezzju Formosa 10.9.2001 u ta' Dione Żahra 9.11.2001, f'paġġ. 123 u 139 tal-proċess
[26] Affidavit ta' Anġela Delia 1.6.1998, f'paġ. 33 tal-proċess
[27] Xhieda tiegħu 28.5.2001, f'paġ. 117 tal-proċess
[28] Xhieda tiegħu 10.9.2001, f'paġġ. 122 – 3 tal-proċess

f'ħamest ishma ndaqs kemm jista' jkun, u bl-ekwiparazzjonijiet meħtieġa, wara li jsir eżerċizzju f'dan ir-rigward kif sejjer jingħad fil-parti dispożitiva tas-sentenza. Sakemm ma jkunx hemm qbil sħiħ mod ieħor bejn il-werrieta, kull sehem jittieħed bix-xorti. B'hekk, l-atturi Charles Buttiġieġ u Doris Debono jmisshom sehem bejniethom, il-wirt battal ta' Salvinu Buttiġieġ imissu sehem għalih, l-attriċi Rita Mifsud imissha sehem għaliha, l-attur Alfred Gravina jmissu sehem għalih, u l-imħarrkin imisshom is-sehem bejniethom ilkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba'** eċċezzjonijiet tal-imħarrkin billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Francesco u Carmela miżżewġin Buttiġieġ mertu tal-kawża tal-lum bħala dak li jikkonsisti fil-ħwejjeġ mobbli msemmija fil-prospett markat bħala Dokument "CB" f'paġna mija u tnejn (102) tal-proċess, minbarra dawk fil-partiti numri tnejn (2), dsatax (19) u għoxrin (20) tal-istess prospett;

**Tipprovdi dwar l-istess talba** billi tordna li l-imsemmi ġid jinqasam f'ħamest (5) ishma kemm jista' jkun indaqs u bl-ekwiparazzjonijiet meħtieġa: b'dan illi l-atturi Charles Buttiġieġ u Doris Debono jmisshom sehem bejniethom, l-attur Alfred Gravina jmissu sehem għalih, l-attriċi Rita Mifsud imissha sehem għaliha, il-wirt battal ta' Salvinu Buttiġieġ imissu sehem għalih, filwaqt li l-imħarrkin bejniethom imisshom sehem għalihom;

Għall-finijiet tat-twettiq tal-ordni tagħha fuq l-ewwel talba, il-Qorti **taħtar** lil Pierre Grech Pillow bħala stimatur tal-ġid li jrid jinqasam sabiex jifforma l-ħamest ishma skond il-liġi u jwassal għall-qasma tal-istess ġid li, sakemm il-partijiet kollha ma jaqblux mod ieħor, għandha ssir bit-titligħ tax-xorti;

**L-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mas-sentenza mogħtija fl-1 ta’ Ottubru, 2003, jintrefgħu mill-imħarrkin, iżda dawk li għandhom x’jaqsmu mal-proċess tal-valutazzjoni, formazzjoni u l-qsim tal-ishma jitħallsu mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------